**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 560/2023DC**

***Zammit Michael Angelo***
***detentur tal-Karta ta' l-Identita' 0031156G bħala direttur***
***w in rappeżentanza wkoll tas-Soċjeta' Michael Zammit Holdings***
***Limited bin-numru tar-Registrazzjoni tas-Soċjetajiet C 9105 u***
***Zammit Michael Angelo detentur tal-Karta ta' l-Identita 0031156G***
***għal kull interess li jista' jkollu***

***vs***

***L-Avukat tal-Istat***

**Illum, 8 ta' April 2024**

**Il-Qorti**

Rat **ir-Rikors Ġuramentat** ta' l-attur Michael Angelo Zammit preżentat f'l-14 ta' Novembru 2023 permezz ta' liema, wara li għamel referenza għall-proċeduri f'l-ismijiet *Ta' Vella Company Limited vs Michael Zammit Holdings Limited et* (Rikors Ġuramentat Numru 104/2022) pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u wara li jagħmel sensiela ta' ilmenti dwar deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti fil-kors ta' dawk il-proċeduri, u wara li għamel sensiela oħra ta' ilmenti relatati ma'l-istat ta' saħħa ta'l-attur Michael Angelo Zammit u l-aċċess fiżiku għal u f'l-edifiċju tal-Qorti f'Għawdex, allega ksur tas-segwenti drittijiet li qed jiġu riprodotti testwalment:

- *l-artikolu 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropeja;*

- *l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
- *l-artikolu 6 ta' l-istess Konvenzjoni għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa;*
- *id-dritt ġarantit taħt "Title VI" tal-Karta id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropeja, ossija, l-Artikolu 47 et seq;*
- *id-dritt fundamentali tagħhom għall-istess "equality of arms";*
- *id-dritt fundamentali tagħhom għall-istess "audi alteram parte";*
- *id-dritt fundamentali għall-istess "basic rules of natural justice";*
- *id-dritt fundamentali għall-istess "right of reply";*
- *id-dritt fundamentali għall-istess "right of correction"*

Huwa mbagħad talab *inter alia* t-tħassir ta'sentenza preliminari mgħotija fil-kawża fuq imsemmija, is-sospensjoni ta' seduta li kellha tinżamm fid-29 ta' Novembru 2023, u s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza li kellha tingħata f'dik l-istess kawża[1]; talab ukoll lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas danni materjali u morali talvolta likwidati.

Rat **ir-Risposta Ġuramentata** tal-konvenut l-Avukat tal-Istat ippreżentata fl-24 ta' Novembru, 2023[2] permezz ta' liema ssolleva eċċezzjonijiet ta' natura preliminari u oħrajn fil-mertu. L-eċċezzjonijiet preliminari huma s-segwenti

3. *Illi preliminarjament, l-esponent jeċepixxi illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita' s-setgħet Konvenzjonali u Kostituzzjonali tagħha ai termini tal-proviso għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso għall-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex jirriżulta li r-rikorrenti kellhom rimedju li jitolbu li jappellaw mis-sentenza parzjali u kif ukoll għad għandhom rimedju ordinarju effettiv disponibbli għalihom permezz ta' appell mis-sentenza parzjali mas-sentenza finali fil-kawża giljottina;*

4. *Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jeċepixxi li r-rikorrenti fil-kawża giljottina ċertament li ser jiġu affetwati mill-eżitu ta' din il-kawża jekk jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti, li jinkludu sospensjoni tal-proċeduri msemmija u nullita' ta' deċiżjonijiet mogħtija diġa' fl-istess proċeduri, u b'hekk għall-integrita' tal-ġudizzju għandhom jiġu msejjħa fil-kawża fit-termini tal-artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

[1] Għandu jiġi rilevat li l-atturi preżentaw rikors ieħor permezz ta' liema talbu l-għoti ta' miżura proviżorja. Il-miżura li talbu kienet it-twaqqif tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistarti Għawdex) sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri odjerni. Din it-talba ġiet miċħuda.
[2] A fol 74.

5. *Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jeċepixxi l-intempestivita' tal-azzjoni stante li huwa magħruf li f'kawżi fejn jiġi allegat nuqqas ta' smigħ xieraq, il-Qorti għandha teżamina l-proċess kollu liema proċess f'dan il-każ għadu għaddej. Jiġi rilevat li l-istat ta' kontumaċja xorta waħda huwa stat kontenzjuz u mhuwiex stat ta' ammissjoni. B'hekk il-parti l-oħra xorta waħda għandha tikkonvinċi l-Qorti dwar l-allegazzjonijiet tagħha, u l-Qorti tista' tiċħad it-talbiet rikorrenti. Jekk dan iseħħ, tiġi nieqsa l-utilita' tal-kawża odjerna li fl-aħħar mill-aħħar qiegħda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti għal rimedju sabiex ir-rikorrenti ma jiġux preġudikati fil-kawża giljottina msemmija, u dan żgur ma jseħħx jekk joħorġu rebbieħa. Illi b'żieda ma' dan, jingħad illi l-proċess ġudizzjarju jissokta wara li jsiru res judicata, u dan wara li l-partijiet jużufruwixxu o meno mid-dritt tagħhom ta' appell. Ma jistax jingħad illi l-imsemmija proċeduri fir-rikors in risposta huma maturi;*

6. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju, l-esponent jeċepixxi li azzjoni dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali tinbeda b'rikors sempliċi kif imfisser fir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09) u b'hekk kwalunkwe spejjeż żejda li jistgħu jirriżultaw mill-għażla tar-rikorrenti li jaħilfu r-rikors tagħhom għandhom jiġu finalment akkordati fuqhom. Hija tassew ironika l-għażla tar-rikorrenti li jaħilfu r-rikors tagħhom meta qiegħdin jisħqu li fil-proċeduri fil-kawża giljottina kienu preklużi milli jaħilfu r-risposta;*

7. *Illi b'mod preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju, l-esponent jeċepixxi illi r-rikors in risposta ma josservax id-dettami tar-regola 3(1) tal-L.S. 12.09, Regolamenti dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni, u dan għaliex ir-rikorrenti jagħmlu referenza għal diversi drittijiet fundamentali mingħajr ma jindikaw liema artikoli qegħdin jinvokaw;*

8. *Illi prelimarjament u mingħajr preġudizzju, id-drittijiet li qiegħdin jissemmew mir-rikorrenti fit-talbiet (i)(c)(d) sa (h), u (ii), u ċioe' "dritt fundamentali tagħhom għall-istess "Equality of Arms", "dritt fundamentali tagħhom għall-istess audi alteram partem", "dritt fundamentali tagħhom għall-istess "basic rules of natural justice", "dritt fundamentali tagħhom għall-istess "right of reply", u "dritt fundamentali tagħhom għall-istess "right of correction", mhumiex drittijiet fundamentali elenkati fl-artikoli relattivi la tal-konvenzjoni Ewropea u lanqas tal-Kostituzzjoni u kwindi ma jistgħux jiġu invokati quddiem u/jew eżaminati minn dina l-Onorabbli Qorti;*

9. *Illi preliminarjament ukoll, f'dak li jirrigwarda l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-esponent jeċepixxi li din hija biss applikabbli f'Malta limitatament f'dak li jikkonċerna the scope and application of European Union Law, mhux għall-elezzjonijiet ġenerali li huma matters of Member State competence. Illi għalhekk, kuntrarjament għal dak li qiegħdin isostnu r-rikorrenti, il-Karta tad-Drittijiet ma tapplikax b'mod ġenerali u awtonomu fl-Istati Membri, iżda jrid ikun hemm konnessjoni fundamentali bejn il-liġi domestika kontestata u xi provvediment tad-Dritt tal-Unjoni Ewropea li dik il-liġi domestika kontestata tkun qed timplimenta;*

10. *Illi prelimarjament u mingħajr preġudizzju, l-esponent jeċepixxi li ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur għal allegazzjonijiet dwar xi nuqqas ta' aċċessibilta' fil-bini tal-Qorti u/jew fit-toroq li jagħtu għall-Qorti ta' Għawdex;*

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fit-28 ta' Novembru 2023[3] meta l-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni dwar it-tielet, il-ħames, is-seba' u d-disa' eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

Rat il-verbal ta'l-udjenża miżmuma nhar l-20 ta' Frar 2024[4], meta wara li l-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx provi xi jressqu dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija, għamlu s-sottomissjonijiet orali dwarhom u l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jingħad li l-proċeduri odjerni ġew intavolati permezz ta' rikors ġuramentat. Ai termini ta' l-artikolu 2 ta'l-Avviż Legali 279 tas-sena 2008 (LS12.09) *il-proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li jsiru skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea* ***għandhom jinbdew permezz ta' rikors.***

Illi minkejja dan pero, skond l-artikolu 164(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta *ma hemmx nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors minflok tinġieb*

[3] A fol 81.
[4] A fol 84.

*b'rikors ġuramentat, iżda kull żieda addizjonali li ssir fl-ispejjeż għandha titħallas mill-attur.*

Illi għandu jingħad ukoll li r-rikors promotur mhux biss sar fil-forma żbaljata, imma huwa inutilment twil, koatiku għall-aħħar u kważi intelliġibbli, fatt li din il-Qorti tiddeplora b'l-aktar mod assolut.

Ikunsidrat

Illi l-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni fil-qosor huma s-segwenti. L-atturi odjerni huma konvenuti fil-proċeduri fuq imsemmija: *Ta' Vella Company Limited vs Michael Zammit Holdings Limited et.* Dik il-kawża ġiet intavolata skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, pero l-atturi odjerni ingħataw id-dritt li jikkontestaw dik il-kawża billi jippreżentaw risposta ġuramentata. Ir-risposta ġuramentata ġiet preżentata tardivament, u dan wassal biex il-Qorti ordnat l-isfilż tagħha u ddikjarat lill-atturi odjerni kontumaċi. L-atturi ħassew ruħhom aġġravati b'dik id-deċiżjoni; huma jallegaw li r-risposta ġuramentatta ġiet preżentata tardivament minħabba li d-diżabilita u problemi ta' saħħa ta'l-attur irrendew impossibli aċċess fiżiku għall-edifiċju tal-Qorti f'Għawdex. L-atturi għalhekk talbu il-permess tal-Qorti tal-Maġistrati biex jappellaw minn dik is-sentenza iżda t-talba ġiet miċħuda. Dik il-kawża kompliet bil-ġbir tal-provi ta'l-attriċi u meta kienet għada differita għat-trattazzjoni finali ġie preżentat ir-rikors odjern. Illum dik il-kawża hija pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell, wara li l-atturi odjerni preżentaw appell mis-sentenza mgħotija fit-23 ta' Frar 2024.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet eċċezzjoni minnu sollevata l-konvenut jikkontendi li din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setghet Kostituzzjonali u Konvenzjonali tagħha skond kif jipprovdi l-proviso għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn iz-zewġ dispożizzjonijiet jipprovdu li din il-Qorti *tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha (*Kostituzzjonali u Konvenzjonali*) f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.* Fi

kliem ieħor din il-Qorti tista' tiddkelina milli teżerċita is-setgħet Kostituzzjonali u Konvenzjonali meta attur ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji disponibbli.

Illi kellha l-opportunita tgħaddi in rassenja l-prinċipji u l-ġurisprudenza prevalenti in tema din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza mgħotija fit-28 ta' Ottubru 2022 fil-kawża f'l-ismijiet **Ramon Fenech vs l-Avukat ta'l-Istat**[5] fejn ntqal hekk:

> *23. Insibu fil-provisos għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għall-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-leġislatur ħalla fl-għaqal tal-qorti mogħnija bis-setgħat kostituzzjonali, biex min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew konvenzjonali bla bżonn, u biex min-naħa l-oħra jiġi żgurat li f'każijiet li jixirqu li jiġu eżaminati taħt il-lenti kostituzzjonali jew konvenzjonali, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma, jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Tassew il-provisos ta' dawn iż-żewġ artikoli mhumiex maħsuba biex il-qorti taħrab mir-responsabbilità li tqis ilmenti ta' bixra kostituzzjonali, iżda fuq ix-xaqliba l-oħra weħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji xierqa u effettivi, il-qorti għandha l-għażla li tmil lejn iċ-ċaħda tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq imsemmija (ara Elvia Scerri et v. Awtorità tad-Djar et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' April, 2018);*
>
> *24. Id-diskrezzjoni dwar jekk qorti tagħżilx li twettaq is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le tista' titqajjem mill-istess qorti minn rajha, anke jekk ma jkunx hemm eċċezzjoni formali mill-partijiet (ara Easygas Malta Ltd v. Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2012, Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, Valletta Freight Services Limted v. Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Novembru, 2015 u Rosaria Borġ Busuttil v. Onorevoli Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju, 2019);*

[5] Din is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti Kostituzjonali fil-25 ta' Ottubru 2023.

*25. Ingħad li persuna ma tistax tippretendi li tirċievi rimedju minn qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali meta jirriżulta li hija stess tkun għażlet li ma tużax ir-rimedji ordinarji li kienet tagħtiha l-liġi ordinarja. Dan għaliex kif sew imtenni fis-sentenza, Nardu Balzan Imqareb v. Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fit-18 ta' Mejju, 2006,*

> *«Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikunu pprovduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu.»*

*26. Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx tabilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, il-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet Teddy Rapa v. Chairman talAwtorità tal-Ippjanar et); 27. Dejjem fuq din l-istess linja ta' ħsieb, ġie miżmum ukoll fis-sentenza, Tat-Taljan Company Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru, 2001 li,*

> *«sakemm tibqa' il-possibilità li leżjoni ta' xi dritt fundamentali seta' kien, jew għad jista' jiġi, rettifikat bil-proċeduri w mezzi ordinarji provduti mil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Fejn għad hemm disponibbli mezzi ordinarji, dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura*

*kostituzzjonali għandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jiġu eżawriti definittivament jew meta ma jkunux disponibbli.»*

*28. Anke f'sentenzi aktar riċenti l-qrati kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-rikorrenti kienu naqsu kompletament milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar, 2005, John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Lulju, 2007, Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ottubru, 2015 u JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 2020) jew meta r-rikorrent jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju A & J Hili ta' Miema Ltd. vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar, 2005);*

*29. Naturalment meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser. Fuq kollox, dan ir-rimedju jrid jkun wieħed aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat (ara Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991 u Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju, 2016). M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed iżda li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi użat b'mod prattiku, effettiv u effikaċi (ara Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti Għall-Isport et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014);*

*30. Tassew ir-regola li trid, li min idur għar-rimedju straordinarju għandu qabel ifittex ir-rimedji ordinarji kollha, ma hix xi regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika. Il-qorti għandha diskrezzjoni biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali; ħalli b'hekk ma jsirx rikors għar-*

> *rimedji straordinarji, meta dawk ordinarji kienu jkunu biżżejjed. Ma hemm ebda ħtieġa, iżda, illi r-rikorrent ikun ħela ħin u spejjeż fi proċeduri li x'aktarx ma jagħtuhx rimedju tajjeb (ara Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018 u Louis Apap Bologna v. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019); jew meta l-possibbiltà li jingħata rimedju taħt il-liġi ordinarja tkun waħda remota (ara Joseph Bartolo v. Onorevoli Prim Ministru deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit2 ta' Diċembru, 2002, John Mattei et v. L-Awtorità tad-Djar et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 u Glen James Scott v. L-Onorevoli Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2022).*

Illi stabbilit dan it-tagħlim ġurisprudenzjali u b'applikazzjoni tiegħu għall-kaz in eżami huwa ċar li l-konvenut għandu raġun f'l-eċċezzjoni minnu sollevata.

Illi kif ntqal aktar 'l fuq jidher li l-atturi hassew ruħhom aggravati bid-deċiżjonijiet mgħotija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) meta dik il-Qorti l-ewwel ordnat l-isfilz tar-risposta ġuramentata tagħhom u meta mbagħad ma tathomx il-permess speċjali biex jappellaw minn dik id-deċizjoni. L-atturi qed jilmentaw ukoll dwar l-aċċessibilita fiżika għal u f'l-edifiċju tal-Qorti ta' Għawdex u donnhom qed jorbtu ma' dan l-ilment ir-raġuni għan-nuqqas tagħhom li jippreżentaw ir-risposta ġuramentata fiż-żmien lilhom mgħoti.

Illi għall-aggravji ta'l-atturi hemm rimedji li setgħu jirrikorru għalihom fil-kors ordinarju tal-proċeduri. Il-fatt li ma ngħatawx il-permess jappellaw id-degriet kontestat f'dak l-istadju ma jfissirx li huma ġew mċaħħda mid-dritt ta' appell, imma fisser biss li huma kellhom jistennew biex jappellaw minn dak id-degriet wara li tingħata s-sentenza finali, kif del resto jipprovdi il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-verita hi li l-atturi lanqas riedu jirrikorru għal dak ir-rimedju ordinarju, tant li huma mhux biss qabdu u preżentaw ir-rikors odjern imma adirittura talbu, bħala miżura proviżorja, li tiġi ordnata s-soprasessjoni tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati biex b'hekk is-sentenza tibqa ma tingħatax u jibqa ma jiskattax id-dritt tagħhom li jappellaw mid-degriet lamentat. B'hekk kien jiġri li tkun din il-Qorti li tiddeċiedi it-talba tagħhom għar-revoka tad-degriet u mhux, fi stadju opportun, il-Qorti ta'l-Appell.

Illi fil-fehma tal-Qorti r-rimedju li kellhom l-atturi, għalkemm mhux neċessarjament ser jagħti lill-atturi suċċess garantit, huwa wieħed aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat u l-atturi ma kellhomx għalfejn jirrikorru għar-rimedju strordinarju permezz tar-rikors odjern. Konsegwentement l-Qorti għandha tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi b'referenza għall-allegat ksur ta' xi drittijet naxxenti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta'l-Unjoni Ewropea l-konvenut għandu raġun ukoll f'dak li jgħid fid-disgħa eċċezzjoni minnu sollevata u ċioe li dik il-Karta mhies aplikabbli fil-każ odjern.

Illi jirriżulta mill-istess Karta ta' Drittijiet, f'l-artikolu 51(1) li jistabilixxi il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-istess Karta, li:

> *Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati.*

Illi dan ġie konfermat mill-Qrati tagħna, tant li fis-sentenza mgħotija deċiża fit-28 ta' Marzu 2017 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża ***Marie Therese Cuschieri vs L-Avukat Ġenerali*** *ntqal li:*

> *il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandha l-forza ta' Liġi f'pajjiżna u hija mqegħda fuq l-istess livell daqs it-Trattati. Madanakollu l-Karta titqies li hija liġi ordinarja b'differenza mal-Kostituzzjoni u hija applikabbli biss fir-rispett ta' materja li taqa' tal-kompetenzi u kompiti tal-Unjoni Ewropea.*

Illi l-każ in eżami jirrigwarda materja prettament ta' kompetenza nazzjonali, konsegwentement il-Karta ta' Drittijiet mhiex applikabbli. Għalhekk id-disgħa eċċezzjoni tal-konvenut qed tintlaqa'.

Illi la darba l-Qorti qed tilqa' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet mhux il-każ li tqies l-eċċezzjoniijiet preliminari l-oħra li ġew trattati kontestwalment.

Għal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li **tilqa' id-disgħa eċċezzjoni** fir-rigward ta'l-ilmenti ta'l-atturi dwar allegat ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta'l-Unjoni Ewropea u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha ta'l-atturi in kwantu jirreferu għal dan l-allegat ksur, **tilqa' ukoll it-tielet eċċezzjoni**, u ssib li hemm raġunijiet suffiċjenti biex tiddeklina milli teżerċita s-setgħa tagħha li tikkunsidra l-ilmenti l-oħra, Konvenjonali u Kostituzzjonali, ta'l-atturi. L-ispejjeż a karigu ta'l-atturi.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**